MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 233/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Debattista)**
**Vs**
**Mark Anthony Iavarone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 422593(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-8 t’April, 2012 għall-ħabta ta’ 00.50 hrs bħala l-persuna li f’ismu għandu l-liċenzja tal-ħanut ta’ l-inbid birra u xorb spirituż bl-isem ta’ Juuls Bar, li jinsab ġewwa Triq San Ġużepp, San Ġiljan

1. daqq jew ħalla li tindaqq mużika amplifikata b’tali mod li tinstema min barra wara l-11.00 p.m., f’zona li ma tinsabx inkluza fil-hames Skeda tal-A.L. 1 tal-2006 (38)(2 (c));

2. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

3. ħoloq fastidju jew inkonvenjenza lill-viċini b'xi xorta ta' ħoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmul minn ġewwa jew minn barra tal-post.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 20 tal-Kap. 441 u l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 38(2)(c) tal-L.S. 441.07 Reg 38/2 (c)(d) sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitejn Ewro (200) u abbazi ta' l-artikolu 20 tal-Kap 441 u l-artikolu 320 tal-Kap. 9 ordnat illi l-licenzja biex jigi operat il-fond "Juuls Bar" tigi sospiza ghal żmien erba' (4) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-15 ta' Mejju 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant imputat minn kull piena u htija, u, fin-nuqqas, u subordinatament għas-suespost, illi tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi, jekk tikkonferma l-ħtija teroga piena inqas ħarxa u iktar proporzjonata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-

**Invalidità tan-notifika lill-imputat**

Dan l-aggravju huwa fis-sens illi in-notifika lill-imputat ma saritx skond il-ligi u ghaldaqstant hija waħda invalida. It-tahrika giet ikkonsenjata lill-imputat nhar il-11 ta' April, 2012 fid-9.15p.m.

F'dak il-jum huwa gie anki notifikat b'att fejn kien jirrizulta li l-Qorti kienet (f'dak il-kaz) awtorizzat in-notifika f'dawk il-hinijiet (ossia in rigward ghall-akkuza dwar l-10 ta'

Dicembru, 2011 fit-0245hrs). Kopja ta' dik l-ordni ghan-notifika fil-kawza l-ohra bid-dettalji, hija annessa bhala dokument 'X'.

Dan il-permess pero` ma kienx jezisti ghall.kawza prezenti.

Il-ligi hija cara u inkontrovertibbli f'dan ir-rigward, ghaliex l-artikolu 363 tal-Kap IX jghid illi;

*363. Ic-citazzjoni ma tistax tigi esegwita bejn is-sebgha ta' filghaxija u s-sebgha ta' fil-ghodu jew fil-Hdud jew fil-vaganzi pubblici jew fil-knejjes waqt il-funzjoni religjuzi, hlief meta l-kaz ma jkunx irid dewmien.*

Isegwi ghalhekk in-notifika mhijiex wahda valida skond il-ligi u dan il-fatt jivvizzja l-iter kollu tal-kawza.

Barra minn hekk, ghandu jinghad ukoll illi ma kienx hemm il-fattispecie ta' kaz li ma jridx dewmien.

Il-Pulizija hija konxja mill-fatt li n-notifika f 'din il-kawza (u f'kawzi ohra li sar appell minnhom illum) ma sarux skond il-ligi, tant huwa hekk illi ir-referta tan-notifika ma gietx minnhom ipprezentata in atti.

Ghaldaqstant jigi umilment sottomess illi dana l-aggravju ghandu jintlaqa' ghaliex l-imputat, illum appellant, ma kienx gie validament notifikat bl-akkuza migjuba kontra tieghu.

**Irregolaritajiet serji fit-tahrikiet lix-xhud Hanaford**

Dan l-aggravju jittratta dwar it-tahrika li rcieva x-xhud Anthony Lewis Hanaford

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicholas Sultana, deciza wkoll fit-3 ta' Mejju 2012, u li minnha wkoll qieghed jigi pprezentat appell illum stess, jirrizulta li t-tahrikiet lil dan ix-xhud kienu kollha jinkludu d-data tal-allegazzjoni

tal-infrazzjoni tal-imputat kif ukoll addirittura l-hin li dwaru l-akkuza tkun harget.

Dana xehdu s-sur Hanaford stess f'dik il-kawza fejn ipprezenta wkoll wahda mit-tahrikiet li kien ircieva. Kopja annessa bhala dokument "Y".

Dana jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta ta' dik il-kawza tat-3 ta' Mejju 2012. Kopja annessa bhala dokument "Z".

L-esponenti jemmen illi l-Pulizija ma mxiet xejn sewwa meta baghtet it-tahrikiet b'dawn id-dettalji kollha lis-sur Hanaford. Irid ikun huwa stess li se mai jiftakar id-dati jekk veru gie disturbat f'tali dati.

Il-fatt sottolineat mill-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza ta' dik il-kawza, u cioe` illi s-sur Hanaford kelu d-dati mnizzlin fid-diary tieghu, bir-rispett kollu ma jfisser xejn.

Dawn l-entries setghu komodament saru wara li jkun ircieva t-tahrika mimlija bid-dettalji tal-jum u addirittura l-hin.

L-esponenti umilment jemmen illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha takkolji dana l-aggravju fis-sens illi l-agir tal-Pulizija illi kiteb dawn it-tahrikiet ghandu jigi ikkunsidrat illi ivvizzja l-procedura kollha tal-kawza peress illi sehhet influwenza indebita fuq xhud principali u l-korrettezza tal-iter gudizzjarju giet kompromessa.

**L-appellant imharrek b'mod mhux konformi mal-licenzja**

Dan l-aggravju jittratta dwar il-fatt illi l-esponenti qatt ma kellu jinstab hati tenut kont tal-mod kif l-akkuza kontrih hija redatta. Huwa fil-fatt gie imharrek bhala "Mark Anthony Iavarone "biss u mhux b'mod konformi mad-dokumenti ezibiti.

Mid-dokumenti ezibiti mill-MTA jirrizulta b'mod inekwivoku illi l- licensees huma "Sultana Nicholas & Iavarone Mark on behalf of Juuls Ltd."

Il-prosekuzzjoni ma ressqitx bhala xhieda rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kummerc u ma gew ezibiti ebda licenzji elargiti minn tali dipartiment.

Ma giet ezibita ebda prova li turi responsabilità personali tal-appellant u separata minn dik on behalf of Juuls Limited kif miktuba fid-dokumentazzjoni msemmija.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni:

-ma ressqitx prova bastanti skond il-ligi biex turi li Mark Anthony Iavarone personalment kif akkuzat ghandu xi licenzji fuqu in rigward tal-fond de quo;

-la akkuzat personalment huwa ma jista’ qatt jinstab hati ghax se mai kellu
jii imharrek bi-istess manjiera kifjirrizulta mid-dokumentazzjoni ezibita, u cioè on behalf of Juuls Limited.

Ghalhekk biss l-esponenti kellu jigi liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih u dana l-appell fl-umli opinjoni tal-esponenti ghandu jintlaqa’.

**Inapplikabilita` tal-artikolu 20 tal-Kap 441, u severita` eccessiva tal-piena**

Dan l-aggravju jittratta dwar l-applikazzjoni mill-Qorti tal-artikolu 20 tal-Kap 441.

L-esponenti bir-rispett jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta applikat dan l-artikolu ghall-kaz in dizamina.

Jissottometti wkoll illi ma kienx hemm l-estremi biex dan l-artikolu jigi applikat b’mod tant harex.

L-artikolu jaqra hekk:

*20. Fil-kaz ta’ persuna li tkun qed tiggestixxi xi attività kummercjali rninn xi post kummercjali minghajr lióenzja jew fil-kaz tat-tieni reat jew ta’ reat sussegwenti ghal xi*

*kontravvenzjoni li ssir minn persuna li tkun qed twettaq xi attività kurnmercjali bis-sahha ta' licenzja mahruga mill-awtorità regolatorja, f 'dak li ghandu x'jaqsam ma 'l-esercizzju ta' dik l-attività kummercjali, il-Qorti jkollha s-setgha li thassar il-licenzja, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha.*

L-ewwel ipotezi postulata hija dik fejn attività tkun qeghda tigi gestita minghajr licenzja.  Dana kjarament mhuwiex il-kaz.

It-tieni ipotezi hija dwar meta min jigestixxi xi attivitâ kummercjali minn xi post kummercjali:

Ikunu hati ta' tieni reat jew ta' reat sussegwenti ghal kontravvenzjoni li ssir minn persuna li tkun qed twettaq xi attivita` kummercjali bis-sahha ta' licenzja mahruga mill-awtoritâ regolatorja, f 'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-esercizzju ta' dik l-attivit kummercjali.

Biex tirraffigura ruhha din l-ipotezi, allura, irid ikun hemm reat wara li diga kien hemm reat, jew wara li diga kien hemm kontravvenzjoni.

Dana ma jirrizulta bl-ebda mod mill-atti.  Ghall-korrettezza, ghandu jinghad illi l-unika sentenza relatata mal-istabiliment illi inqatghet kontra l-appellant hija datata l-1 ta' Dicembru, 2011, liema kawza ghadha sub judice ghaliex kien gie interpost appell minnha.

Anki kieku stess pero`, fl-umli opinjoni tal-esponenti, biex dan l-artikolu jkun applikabbli tkun trid tinsab prova -tar-reat jew kontravvenzjoni precedenti- f 'din il-kawza stess. Haga li ma saritx.

F'kull kaz, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2011 għadha kif ingħad 'sub judice' u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad illi l-appellant jista' jiġi applikat kontrih dan l-artikolu.

Ghandu jinghad ukoll illi dana l-artikolu huwa marbut mal-kwistjoni tar-recidiva (vide sentenza ta' dina l-Onorabbli

Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Vince Abela’ deciza fit-23 ta’ Frar, 2011).

Hemmhekk l-akkuzi kienu jinkludu akkuza ta’ recidiva kif ukoll talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kap 441.

L-ewwel Qorti kienet illiberat lill-imputat mill-akkuza tar-recidiva, imma ikkomminat kontrih l-artikolu 20 tal-Kap 441, ghal perjodu ta’ ghaxart ijiem.

Il-Qorti tal-Appell kellha xi tghid hekk dwar dana:

Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja, din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 20 tal-Kap. 441 li jipprovdi: **“Fil-kaz ta’ persuna li tkun qed tiggestixxi xi attività kummercjali minn xi post kummercjali minghajr licenzja jew fil-kaz tat-tieni reat jew ta’ reat sussegwenti ghal xi kontravvenzjoni li ssir minn persuna li tkun qed twettaq xi attività kummercjali bis-sahha ta’ licenzja mahruga mill-awtorità regolatorja, f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-esercizzju ta’ dik l-attività kummercjali, il-Qorti jkollha s-setgha li thassar il-licenzja, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). Peress illi l-appellant gie iliberat mill-ewwel Qorti mill-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti sejra thassar l-ordni ta’ sospensjoni tal-licenzja tal-kummerċ.’

Ghalhekk, l-esponenti umilment jissottometti illi bl-ebda mod ma setghet tigi applikata kontrih is-sospensjoni ai termini tal-fuq imsemmi artikolu.

Ghal kull bwon fini ghandu jinghad ukoll illi il-fatt illi inqatghu numru ta’ sentenzi fl-istess gurnata bl-ebda mod ma jista’ u ma ghandu jfisser illi tali recidiva giet ippruvata. Fl-atti tal-kawza li qieghed isir appell minnha, ma hemm ebda dokumentazzjoni f’tali sens u ghalhekk bl-ebda mod ma jista’ jinghad illi l-fattispecie huma kompatibbli mal-artikolu 20 tal-Kap 441.

Barra minn hekk, huwa car illi, mill-fattispecie tal-kawza u mix-xhieda li jista’ joghobha tisma’ dina l-Onorabbli Qorti,

sejjer u ghandu jirrizulta bic-car illi tali piena hija eccessiva u sproporzjonata ghall-ahhar.

Dana meta tenut kont ta’ dak li bih qieghied jigi mixli l-appellant, fejn wiehed mhuwiex qieghed jitkellem dwar infrazzjonijiet (komparativament) mill-iktar serji, meta l-Qrati regolarment jaghtu pieni hafna ehfef lill-hatja ta’ reati hafna iktar gravi, anki fil-kamp tal-licenzji tal-kummerc.

Il-konferma ta’ sospensjoni tal-liċenzja għal perjodu ta’ erba’ (4) xhur tkun tfisser x’aktarx kundanna għall-għeluq tal-istabiliment wara li sar tant u tant investiment fih.

F”kull każ il-piena ghandha tigi riformata u imnaqqsa ghax hija sproporzjonata.

Fl-aħħarnett, l-esponenti jissottometti bir-rispett, illi, tenut kont ta’ kollox, il-piena
komminata kontrih hija waħda ħarxa immens u sproporzjonata in vista ta’ dak li huwa mixli minnu.

L-ufficjali tal-Pulizija kollha xehdu (u wiehed jispera li l-versjoni tagħhom tibqa’ veritiera fl-appell), illi l-imputat ikkollabora immedjatament meta mitkellem.

L-imputat mhuwiex persuna li xxellef difrejha regolarment mal-ligi, lanqas xejn.

Il-piena komminata hija altament sproporzjonata u jintalab illi, in mankanza ta’ akkoljiment tal-aggravji suesposti, dina tiġi imnaqqsa ħafna halli verament tirrispekkja l-agir tal-imputat, jekk hemm aġir mill-imputat illi huwa legalment ċensurabbli.

Ikkonsidrat

Illi fis-seduta tal-4 t’Ottubru, 2013, wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu kif ġej dwar l-appelli numru 232/2012, 233/2012, 234/2012, 235/2012 u 515/2011:

a) f'kull wieħed minn dawn l-appelli d-difiża qed iċċedi l-aggravju dwar il-mertu;
b) id-difiża pero' qed iżżomm sħiħ l-aggravju dwar il-piena b'mod speċjali fejn għandha x'taqsam is-sospensjoni tal-liċenzja fi tlieta mill-appelli;
ċ) Il-Prosekuzzjoni mhix toġġezzjona dwar dik il-parti tal-piena fejn idd-ifża qed titlob li ma tkunx imposta s-sospensjona tal-liċenzji fl-appelli 232/2012, 233/2012 u 234/2012 minħabba li la l-artikolu 20 tal-Kap 441 u lanqas l-artikolu 320 tal-Kap 10 ma jesiġu sospensjoni tal-Liċenzja jekk ma jkunx hemm reċidiva.

Ġaladarba sar dan il-verbal, il-Qorti ser tillimita ruħha primarjament għal dik li hija piena. Biss qabel tgħaddi għal dan il-punt partikolari, il-Qorti ma qed issib ebda invalidita' tan-notifika għaliex l-artikolu dwar il-ħin meta għandha tkun innotifikata ċ-ċitazzjoni mkien ma jindika xi nullita' jekk iċ-ċitazzjoni titqassam f'ħinijiet oħra.
Lanqas ma qed tara xi nullita' fit-taħrikiet tax-xhud Hanaford minħabba xi indikazzjonijiet li ngħataw dwar il-ħin u l-ġurnata. Barra dan l-imputat kien imħarrek korrettement. Għalhekk qed ikunu miċħuda l-ewwel tliet aggravji.

Dwar ir-raba' aggravju – nuqqas tar-reċidiva – id-difiża għandha raġun u kien hemm qbil dwar dan il-punt min-naħa tal-prosekuzzjoni u l-Qorti ser tipprovdi għalih fid-deċide.

Dwar il-piena, skont l-artikolu 18(1)(a) il-multa tista' tvarja minn €116.47 sa €1164.69. Il-Qorti tal-Maġistrati imponiet multa ta' €200. Din hija anqas min-nofs il-massimu u qrib ħafna tal-minimum. U għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jkun hemm xi tibdil fl-ammont ta' din il-multa (fil-liġi indikata bħala ammenda).

**Decide**

**Ġaladarba d-difiża ċediet l-aggravju dwar il-mertu, u ġaladarba l-appellant ma jistax jitqies bħala reċidiv, il-Qorti, wara li kkonsidrat is-sottomissjonijiet kollha inklużi dawk magħmula waqt it-trattazzjoni, qed**

**tirriforma s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet premessi billi qed tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u fejn imponiet multa (fil-liġi inidkata bħala ammenda) ta' €200 iżda qed tirriformaha f'dik il-parti fejn issospendiet il-liċenzja tal-fond 'Juuls Bar' għall-perjodu ta' erba' xhur u minflok qed tirrevoka tali sospensjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------